MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 106/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. C. Magri)**
**Vs**

**Domenic Deguara**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'xi gurnata matul Jannar, 2005 ghall-habta tas-2.30 ta' filghodu,**
**1) kkommetta serq ta' mobile phones mill-Palazz ta' Sant'Anton, Balzan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-persuna, bil-lok u bil-hin ghad-dannu tal-Community Chest Fund;**
**2) fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu**

**jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Marzu, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 20, 28(A), 31(xii), 31(xi), 31(vii), 141, 261(b)(c)(d)(e)(f), 263, 267, 268(a)(d), 269(d), 270, 278(3) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu ghal tmintax-il xahar (18) habs sospizi ghal tliet (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 t’April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li thassar, tirrevoka w tikkancella dik il-parti tas-sentenza fejn din inflingiet il-piena ta’ tmintax-il xahar (18) habs sospizi ghal tliet (3) snin u dana billi tibdilha w timponi piena anqas harxa, tikkonfermaha fil-bqija taghha w dana skond dawk il-provvedimenti w modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant li jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti huwa s-segwenti w cioe’ :- li l-appellant dejjem ammetta li kien seraq dawn il-*mobile phones* u c-*charge*r; li kkoopera mall-Pulizija u meta tressaq quddiem l-Ewwel Qorti ammetta mill-ewwel; illi s-sentenza appellata stess taghmel riferenza ghal din l-ammissjoni w ghad-dispjacir tal-appellant. B’ dana kollu l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma tirriflettix dawn l-attenwanti. Inoltre l-appellant ghandu fedina penali nadifa w ghalkemm wettaq dar-reat fil-post tax-xoghol, ghandu ‘l fuq minn 25 servizz minghajr ebda incident.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubbliika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubbliika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Di fatti ghall-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz u akkumpanjat minn tnejn jew aktar mill-kwalifiki l-ohra, l-piena kontemplata fl-artikolu 278 (1) tal-Kodici Kriminali ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tlitt snin, tizdied bi grad u m tinghatax fil-*minimum* taghha. Hekk il-piena titla' ghal wahda ta' minn seba' xhur sa hames snin, skond is-subartikolu (3). Umbaghad bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 li l-appellant ukoll instab hati tahtu, l-piena terga tizdied bi grad u cioe'  ghal wahda minn disa xhur sa sitt snin prigunerija, u ma tinghatax fil-*minimum* taghha. Umbaghad skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi tiddisponi espressament li l-piena m'ghandhiex tinghata fil-*minimum*, il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-inqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. F' dan il-kaz terz tad-differenza bejn disa xhur u sitt snin tigi fuq l-erba u ghoxrin xahar prigunerija. Ghalhekk jigi li fil-fatt l-Ewwel Qorti erogat piena addirittura inqas mill-minimu stabilit bil-ligi ghar-reat ammess mill-appellant bil-kwalifiki kollha tieghu.**

**Illi l-Ewwel Qorti qieset il-fatti kollha attenwanti favur l-appellant imsemmija fir-rikors tal-appell fis-sentenza appellata w erogat piena ta' prigunerija inqas mill-*minimum* stabilit kif fuq spjegat proprju in vista ta' dawn l-attenwanti w mhux l-inqas l-ammissjoni bikrija**

**w l-kondotta netta tal-appellant. Ghalhekk ma jidhirx li din il-Qorti tista' b' xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti.**

**Illi umbaghad hawn si tratta ta' kaz ta'** *"quis custodit custodes?"***, fejn suldat li suppost kien ghassa mall-palazz presidenzjali, seraq proprju mill-post li suppost kien qed jikkustodixxi. Dan it-tip ta' reat kommess minn min qed jithallas biex suppost jipprevenih hu wiehed serju w li jimmina bis-shieh il-fiducja fl-istituzzjonijiet u fil-fehma ta' din il-Qorti m' ghandux jibbenefika minn trattament aktar miti minn dak li erogat l-Ewwel Qorti meta gja nizlet taht il-*minimum* preskritt u inolte ma tatx piena ta' prigunerija effettiva imma biss wahda sospiza.**

**Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------